# It-Traġedja tal-Vapur Royal Lady

M. Assunta Grima



Is-servizz bejn Malta u Għawdex għall-ġarr tal-passiġġieri, kif ukoll tal-posta kien mogħti bl-offerta u l-kuntratt għall-aħjar offerta kien idum għaxar snin.

Fis-sena 1937, ħarġet offerta għal dan is-servizz. Kien l-imprenditur Ġanni Docoutros u l-kumpanija tiegħu li rebħu dan il-kuntratt li kien iservi sas-sena 1947. Dan l-imprenditur kien sid ta' bastimenti tal-qlugħ li kienu jġorru l-inbid mill-Greċja għal Malta. Ġanni Dacoutros u sħabu xtraw vapur mill-Ingilterra għal dan il-għan.

Il-Vapur, li kien jismu Royal Lady, wasal Malta wara 8 tijiem. Il-Kaptan kien Grezzju Mizzi li kien Għawdxi. Dan il-vapur kien lussuż ħafna għal dak iż-żmien u kien apprezzat minn kulħadd. Is-servizz b'dan il-vapur beda bla tfixkil u kollox kien sejjer kif għandu jkun.



Fis-sena 1939 bdiet it-tieni gwerra dinjija u waqgħet biża' kbira fuq kulħadd. F'Ġunju tal-1940, l-Italja daħlet fil-Gwerra u r-Royal Lady ġie fil-mira tal-Ajruplani taljani, għalkemm baqa' jaħdem bħas-soltu. Meta il-Ġermaniżi niżlu fi sqallija l-attaki fuq Malta ħraxu iżjed.

Fid-19 ta' Marzu tal-1941, il-vapur Royal Lady telaq mill-Imġarr lejn il-Marfa. X'ħin wasal il-passiġġieri niżlu u telqu bix-xarabank, fil-waqt li passiġġieri oħrajn rikbu fuq ir-Royal Lady għal Għawdex. Ftit minuti wara dan il-vapur ġie attakkat minn tlitt ajruplani Ġermaniżi. X'uħud mill-passiġġieri kif ukoll xi baħrin intlaqtu bil-Machine Guns u sfaw feruti.

Suldati Ingliżi li kienu stazzjonati l-Marfa taw sehemhom billi ħadu dawn il-feruti fi sptar St Andrews Malta. Meta l-attakk għadda, ir-Royal Lady telaq lejn Għawdex bil-ħsarat li ġarrab.

F'dak iż-żmien li sar l-attakk il-baħrin kienu kollha Għawdxin, imma l-kaptan kien Malti, Toni Gabriele magħruf bħala Kaptan Nonu. Wara dan l-attakk, is-servizz bejn l-Imġarr u l-Marfa kellu jieqaf, imma kellu jagħmel vieġ wieħed fid-9 ta' bil-lejl u kien iġorr, passiġġieri, posta u xi tagħbija. Wara xi ftit xhur l-ajruplani Ġermaniżi ndunaw b'dan is-servizz u r-Royal Lady reġà sar il-mira tagħhom. Ġara li waqt li dan il-vapur kien qed jaqsam bejn il-Marfa u l-Imġarr bil-lejl, il-Ġermaniżi tefgħu 'parachute flares' biex jaraw ikunx hemm xi vapur għaddej. Għalhekk dan is-servizz kellu jieqaf ukoll. L-uniku servizz li kien għad baqa' kien permezz ta' vapur żgħir jismu Franco, tal-istess kumpanija u kien jaħdem bejn l-Imġarr u l-Port il-Kbir. Kien iġorr tagħbija u ikel tar-razzjon biss. Dan il-vapur kien żgħir u ma kienx ilaħħaq iġorr kollox, għalhekk il-Gvern ħa f'idejh skuna tal-istess kumpanija, li kien jisimha Anna Dacoutros biex tgħin il-Franco fil-ġarr tat-tagħbija. Għal xi raġuni din l-iskuna kellha tieqaf ukoll.

Il-Franco baqa' jaħdem u jum wieħed f'Marzu tal-1942, dan il-vapur ġie attakkat ukoll waqt li kien qed jaqsam fil-bajja tal-Mellieħa, minn ajruplani Ġermaniżi u kellu jwaqqaf is-servizz li kien ħafna meħtieġ għall-Għawdxin minħabba n-nuqqas ta' ikel. Imma r-Royal Lady baqa' marbut mall-moll.

Fis-6 ta' Mejju tal-1942 l-ajruplani Ġermanizi reġgħu attakkaw lir-Royal Lady bil-bombi u dan il-vapur, waqt li kien ilu marbut mall-moll, inqasam fi tnejn u għereq fil-post. Il-Vapur Franco li kien marbut warajh, intlaqat imma ma għereqx. B'xorti tajba ħadd ma weġġa', għax inzerta ħin l-ikel u l-baħrin taż-żewġ vapuri kienu d-dar.

Is-servizz bejn Malta u Għawdex waqaf ħesrem. Il-passiġġiera kienu jinqdew b'dgħajjes żgħar għax il-Franco kellu bilfors iġorr it-tgħabija meħtieġa. Imma fis-sena 1943 il-gwerra bdiet tbatti mill-ħruxija tagħha. Għalhekk il-Franco beda jġorr il-passiġġieri mill-Imġarr għal Marfa u dam sejjer hekk sakemm spiċċa l-kuntratt tar-Royal Lady jiġifieri sal-1947.

Ir-royal Lady dam sentejn u nofs fil-qiegħ tal-baħar. Il-gvern qabbad kuntrattur Malti biex itellgħu u l-ewwel prova kienet li qattgħu l-parti ta' quddiem biċċiet żgħar, u tellgħuhom fuq il-moll, għabbewhom fuq barkun u ħaduhom Malta, imma il-parti ta' wara kienet bil-magni u kienet tqila, għalhekk kellhom ikaxkruha bl-ghajnuna ta' vapur bil-krejn fuqu. Dan wassalha saż-Żewwieqa faċċata tal-moll. Il-kuntrattur qatta' din il-parti biċċiet żgħar għabbewhom fuq il-barkun u ħaduhom Malta wkoll. Il-vapur Royal Lady spiċċa għal dejjem minn Għawdex u ma kellux ix-xorti jkompli l- kuntratt li kien jagħlaq fis-sena 1947.

Kienet tassew grazzja kbira minn Alla li għalkemm ir-Royal Lady ġie attakkat darbtejn u spiċċa f'qiegħ il-baħar ħadd ma tilef ħajtu u ħadd ma weġġa' gravi.

P.S. Dan it-tagħrif ġie mogħti minn anzjan li għadu ħaj, għax meta ġrat din it-traġedja kien għadu kemm beda jaħdem fuq ir-Royal Lady xi ftit xhur qabel it-traġedja.

